TBERIK TA' L-ILMA
F'ĠIEĦ SAN ALBERT KONFESSUR
Rit proprju ta' l-Ordni tagħna



Is-saċerdot liebes spellizza u stola bajda jersaq fil-post fejn hemm ir-relikwa ta' San Albert, li tkun sejra tintuża fit-tberik ta' l-ilma u jgħid:

V/. L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej.
R/. Li għamel is-sema u l-art.

V/. Ikun imbierek isem il-Mulej.
R/. Issa u għal dejjem.

V/. Il-Mulej magħkom.
R/. U miegħek ukoll.

Talba

**Nitolbu**

O Alla kollok fedeltà, saħħa u qawwa tagħna, li għat-talb imħeġġeġ fejjaqt lil omm il-mara ta' San Pietru Appostlu mill-mard tad-deni qawwi, qaddes ✠ u bierek ✠ dan l-ilma ħolqien tiegħek, għall-ġieħ ta' Ismek u permezz tar-relikwi mqaddsa ta' San Albert li stqarr ismek quddiem il-bnedmin, hu li ċaħad id-dinja biex jingħata għall-qadi ta' Ommok Marija fl-Ordni tagħha. Agħti lil dawk kollha li huma mġarrbin mid-deni qawwi, li bil-merti glorjużi u bl-interċessjoni tiegħu, huma u jixorbu b'umiltà dan l-ilma jaqilgħu is-saħħa fir-ruħ u fil-ġisem sabiex ikun jistħoqqilhom jagħtuk ġieħ u jibqgħu jagħtu jixhdu għalik fil-Knisja tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

R/. Amen.

Imbagħad is-saċerdot jieħu r-relikwa, iniżżilha fl-ilma u jagħmel sinjal tas-salib, biha u jgħid:

Għall-merti ta' San Albert, bierek✠, Mulej, dan l-ilma ✠ ħlejqa tiegħek, hekk kif qaddist ✠ l-ilma tal-Ġordan meta nżilt fih; u agħti lil dawk kollha li sejrin jixorbu minnu li jieħdu s-saħħa fir-ruħ u l-ġisem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

R/. Amen.

Imbagħad ikompli:

Ant.: O Albert, mudell tas-safa tar-ruħ, itlob għalina lill-Omm tal-ħniena, sabiex f'dan il-wied tad-dmugħ tiddefendina mill-għadu l-qadim tagħna, u taqlgħalna l-mistrieħ ta' dejjem wara mewtna.

V/. Itlob għalina San Albert.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħidna Kristu.

Talba

**Nitolbu**

O Alla ta' setgħa u ħniena bla tarf, bil-merti tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, ta' San Albert u tal-qaddisin kollha, agħti lil dawk kollha li b'fidi u devozzjoni sejrin jixorbu minn dan l-ilma mbierek, li jaqilgħu is-saħħa fir-ruħ u l-ġisem u jibqgħu dejjem jaqduk. Bi Kristu Sidna.

R/.Amen.

Ant.: O San Albert eħles mill-mard lil dawk li jishru wara biebek u lill-imġarrbin li jsejħu ismek: niżżel id-deni, fejjaq il-mard u kull ħsara, sikket l-irjieħ u kkalma l-baħar imqalleb.

V/. Ġesù l-aktar ħelu għall-merti ta' San Albert
R/. Sawwab fuqna l-grazzja tiegħek.

Talba

**Nitolbu**

O Alla, li tajt lil San Albert il-grazzja li jiċħad id-dinja u jingħata għall-qadi ta' l-Imqaddsa Verġni Marija Omm Ibnek, fl-Ordni tal-Karmelu; agħtina li mlibbsin bl-istess virtù tiegħu, ikun jistħoqqilna naqduk u nieħdu sehem miegħu fl-hena ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.

R/. Amen.